# Żewġ midalji misruqa
# Iura fil-Mużew Marittimu fi ftit sigħat

**Stqarrija I 19 ta' Marzu 2024**

Ilbieraħ filgħodu, raġel seraq żewġ midalji tad-deheb mill-Mużew Marittimu iżda nqabad mill-pulizija fi ftit sigħat.

Dan seta' jsir minħabba li ttieħdet azzjoni immedjata mill-uffiċjali tal-mużew, u għaliex l-investiment qawwi li sar fis-sistemi ta' sigurtà tal-mużew ippermettew li r-raġel jiġi identifikat minnufih mill-pulizija, li qabduh ftit tal-ħin wara.

Il-midalji ngħataw bejn l-1800 u l-1801 lill-mexxejja u membri distinti tal-battaljuni tal-Kungress Nazzjonali li ġġieldu sabiex jilliberaw lil Malta mill-Franċiżi. Il-midalji huma rari ħafna u għalhekk prezzjużi, l-iżjed minħabba l-importanza storika tagħhom għall-istorja ta' Malta.

Heritage Malta tirringrazzja lill-Korp tal-Pulizija għall-professjonalità u l-effiċjenza li wrew l-uffiċjali kollha kkonċernati.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta